**Brincat Anna at Parlament-MT**

| | |
|---|---|
| **From:** | Bugeja Joseph at GPD [joseph.bugeja@gov.mt] |
| **Sent:** | Monday, 03 February 2014 11:49 |
| **To:** | Brincat Anna at Parlament-MT |
| **Cc:** | Fenech Tonio at Parlament-MT; Camilleri Raymond R at GPD; Galea Joanie at GPD |
| **Subject:** | RE: Informazzjoni mitluba mill-PAC |

Ms Anna Brincat,

Id-dokumentazzjoni rikjesta f'bullets 1 u 3 intbaghtet illum *by hand.*

Rigward bullet 2, ingabret din l-informazzjoni :

Dawn huma biss il-kawzi li nqatghu wara s-sena 2001 u għalhekk wiehed jista jsib is-sentenza fuq l-internet jew li għadhom pendenti, u ovvjament jinkludu biss kawżi li waslu sas-sentenza, jekk kien hemm oħrajn li fil-mori gew ċeduti, dawn m'humiex imniżlin.

<u>Lista ta' proprjetajiet b'ċens perpetwu li kienu fi stat ħażin u li d-Dipartiment tal-Artijiet iddeċieda li jibda l-proċeduri sabiex jeħodhom lura</u>

1. Kummissarju tal-Artijiet vs NMF Ltd (Rik nru 774/2008 JA): Art f'Għajn Tuffieħa mogħtija b'ċens perpetwu ma ntużatx għal-iskop li għaliha ingħata ċ-ċens (estensjoni ta' lukanda) u tħalliet fi stat ta' abbandun;
2. Direttur tal-Artijiet vs Civil Service Sports Club (rik nru 80/2001) Deċiża 26/05/06: Proprjeta 113 u 114, Triq l-Arċisqof, Valletta ingħatat b'ċens temporanju għal 99 sena, ma ntużax għal skopijiet li għalih ingħata ċ-ċens u nżamm fi stat ħażin ta' manutenzjoni;

<u>Kawżi simili iżda fejn il-Kummissarju tal-Artijiet ma talabx ir-rexiżjoni tal-kuntratt ta' cens/jew l-azzjoni ttleħdet għaliex inkisru kundizzjonijiet oħra tal-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika</u>

1. Kummissarju tal-Artijiet vs John Baptist Sammut (rik nru 1147/2009 SM): Kummissarju tal-Artijiet talab il-Qorti tiddikjara li l-fond 15, Triq San Ġwann Battista, San Pawl il-Baħar jiġi ripristinat għall-istat oriġinali tiegħu in vista tal-kunidzzjonijiet tal-Kuntratt ta' konċessjoni ta' ċens Temporanju;
2. Kummissarju tal-Artijiet vs Soċjeta Polidano & Schembri Quarries et (rik nru 172/2011) – Kummissarju tal-Artijiet talab rexiżjoni peress illi l-art konċessa ma kienetx qiegħda tintuża għal skopijiet agrikoli;
3. Kummissarju tal-Artjiet vs Grand Hotel Excelsior Ltd (rik nru 1346/2002) deċiża 25/04/2008 – Art fil-Floriana ingħatat b'ċens temporanju sabiex tinbena lukanda (Excelsior), iżda bini ta lukanda waqaf u għalhekk qatt ma bdiet topera bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' ċens. Kummissarju tal-Artijiet talab il-Qorti tiffissa żmien sabiex is-soċjeta konvenuta tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha u fin-nuqqas tordna li tiġi tterminata l-konċessjoni enfitewtika;
4. Direttur tal-Artijiet vs Alfred Cardona (rik nru 682/2003) deċiża 05/12/2003: Direttur tal-Artijiet talab li tinħall il-konċessjoni enfitewtika (ċens temporanju art Bahar ic-Cagħaq) peress illi l-konvenut qatt ma ħallas ċens
5. Direttur tal-Artijiet vs LHP Limited (rik nru 249/2005) deċiża 30/11/2005: Direttur tal-Artijiet talab li tinħall il-konċessjoni enfitewtika temporanja għall-proprjeta magħrufa bħala Lascaris Tunnels peress illi s-soċjeta konvenuta naqset milli tħallas ċens dovut kif ukoll minħabba ksur ta' kundizzjoni tal-kuntratt peress illi kien hemm tibdil ta' użu;
6. Direttur tal-Artijiet vs Mediterranean Film Studios (rik nru 724/2005): Direttur tal-Artijiet talab li tinħall konċessjoni enfitewtika ta' ċens temporanju tal-kumpless ta' film studios fir-Rinella peress illi s-soċjeta konvenuta ma kienetx qiegħda tħallas iċ-ċens;
7. Direttur tal-Artijiet vs Carmel Dimech (rik nru 1122/2005) deċiża 24/01/2007: Direttur tal-Artijiet talab li tinħall konċessjoni enfitewtika ta' ċens temporanju ta' garaxx peress illi l-konvenut ma kienx qiegħed iħallas iċ-ċens;
8. Direttur tal-Artijiet vs Saviour Grima (rik nru 867/2007) deċiża 26/01/2009: Direttur tal-Artijiet talab li tinħall konċessjoni enfitewtika ta' ċens temporanju ta' biċċa art fil-limiti tal-Mellieħa peress illi l-konvenut ma kienex qiegħed iħallas iċ-ċens;
9. Kummissarju tal-Artijiet vs Natale Falzon et (rik nru 587/2008) deċiża 26/10/2009: Kummissarju tal-Artijiet talab li tinħall konċessjoni enfitewtika ta' ċens temporanju (Joint Office) ta' biċċa art f'San Ġiljan peress illi l-konvenuti naqsu milli jħallsu ċ-ċens.

Tislijiet

Joe Bugeja

**From:** Brincat Anna at Parlament-MT [mailto:anna.brincat@parlament.mt]
**Sent:** Monday, 03 February 2014 09:48
**To:** Camilleri Raymond R at GPD
**Cc:** Bugeja Joseph at GPD; Fenech Tonio at Parlament-MT
**Subject:** RE: Informazzjoni mitluba mill-PAC

REMINDER PLEASE

Anna Brincat
Committee Clerk

t: +356 25596241 e: anna.brincat@parlament.mt | www.parlament.gov.mt
*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLIAMENT OF MALTA
REPUBLIC STREET, VALLETTA, MALTA

**From:** Brincat Anna at Parlament-MT
**Sent:** Tuesday, 28 January 2014 11:07
**To:** Camilleri Raymond R at GPD
**Cc:** Bugeja Joseph at GPD
**Subject:** FW: Informazzjoni mitluba mill-PAC

Mr Camilleri

You may wish to take note of email hereunder sent by Mr Chairman.

Regards

Anna Brincat
Committee Clerk

t: +356 25596241 e: anna.brincat@parlament.mt | www.parlament.gov.mt
*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLIAMENT OF MALTA
REPUBLIC STREET, VALLETTA, MALTA

**From:** Fenech Tonio at Parlament-MT [mailto:tonio.fenech@parlament.mt]
**Sent:** Tuesday, 28 January 2014 10:48
**To:** Brincat Anna at Parlament-MT
**Subject:** Re: Informazzjoni mitluba mill-PAC

Ghaziz Sur Camilleri

Irid niccara li dwar il-tieni punt d-domanda ma kienetx limitata ghal cens perpetwu imam ghal propjetajiet li fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt il-Gvern seta jitlob l-art lura jekk hemm xi ksur ta' kundizzjonijiet.

Grazzi

Tonio Fenech
Chairman

Sent from Windows Mail

**From:** Brincat Anna at Parlament-MT
**Sent:** Tuesday, 28 January 2014 09:13
**To:** Camilleri Raymond R at GPD, Bugeja Joseph at GPD
**Cc:** Fenech Tonio at Parlament-MT

Sur Raymond Camilleri
Dott. Joseph Bugeja

Ippermettuli niktbilkom sabiex infakkarkom li waqt il-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li nżammet ilbieraħ u li fiha kompla jiġi eżaminat il-kuntratt iffirmat bejn il-Kummissarju tal-Artijiet u l-Malta Shipbuilding datat 20 ta' Awwissu 1979 u l-kuntratt iffirmat bejn il-Malta Shipbuilding u l-*Malta Labour Party* fit-22 ta' Awwissu 1979, intom ġejtu mitluba sabiex sa nhar it-Tnejn, 3 ta' Frar tibagħtu lill-Kumitat dawn id-dokumenti:

- Kopja *scanned* tal-*files* relatati mal-kuntratti msemmija;
- Lista ta' proprjetajiet b'ċens perpetwu li kienu fi stat ħażin u li d-Dipartiment tal-Artijiet iddeċieda li jibda l-proċeduri sabiex jeħodhom lura; u
- Kopja tal-kuntratt li kien sar fuq l-art li hemm tmiss mal-lukanda Riviera Martinique f'Għajn Tuffieħa.

Nirringrazzjakom

Anna Brincat
Committee Clerk

t: +356 25596241 e: anna.brincat@parlament.mt | www.parlament.gov.mt

HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLIAMENT OF MALTA
REPUBLIC STREET, VALLETTA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*